Naħseb li l-agħar forma ta' ċensura li teżisti hawn Malta hija dik moħbija. Ngħidu aħna, għaliex l-ebda kittieb ma kiteb xogħol dwar id-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea? Kellna tant diskussjonijiet, argumenti, battibekki għaddejin, imma l-ebda kittieb ma ġietu l-idea li jonxor il-problemi soċjali ta' pajjiżna quddiem udjenza f'teatru. U l-istess dwar tant kwistjonijiet oħra. Illum dwar ċensura fejn jidħol sess, għadda kollox u ntqal kollox. M'għadux il-każ li xogħol jiġi mwaqqaf miċ-ċensuri. Pero` ċertament hemm nuqqas ta' rieda mill-awturi nfushom li jiktbu dwar ċertu ġrajjiet kurrenti jew problemi li jkun għaddej minnhom pajjiżna. Nemmen li t-teatru għandu jkun forum li jistimula l-ħsieb u jqajjem diskussjoni; dejjem b'mod profond u mhux fuq livell superfiċjali.